REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 127/2009

tat-12 ta' Frar 2009

li jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji ta' ħlas jew l-aġenziji intermedjarji

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 t'Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43 punt (f) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 tat-28 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji [2] ġie emendat kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Iċ-ċereali jistgħu jinxtraw minn aġenziji ta' ħlas jew minn aġenziji intermedjarji kemm b'miżuri intermedjarji obbligatorji kif ipprovdut fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 kif ukoll b'miżuri intermedjarji speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 47 ta' dak ir-Regolament.

(3) Iċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji ta' ħlas jew dawk intermedjarji jeħtieġ li jinbiegħu mingħajr ebda diskriminazzjoni bejn ix-xerrejja Komunitarji. Bħala prinċipju s-sejħiet għall-offerti jippermettu li dan l-għan jintlaħaq. Madankollu, f'ċerti każi għandu jkun possibbli li jintużaw metodi oħra ta' bejgħ.

(4) Biex jiġi assigurat li l-partijiet kollha interessati fil-Komunità jiġu ttrattati b'mod indaqs, l-avviżi għas-sejħiet għall-offerti għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jgħaddi żmien raġonevoli bejn id-data ta' din il-pubblikazzjoni u l-ewwel data tal-għeluq biex jitressqu l-offerti. B'dankollu, din il-pubblikità hija meħtieġa għal kwantitajiet li jkunu anqas minn 5 000 tunellata metrika.

(5) Iċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji huma ntenzjonati l-ewwelnett għall-użu ta' ikel u għalf, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet speċifiċi fis-suq taċ-ċereali. Madankollu, il-kwantità u l-kwalità tal-prodotti f'idejn l-aġenziji intermedjarji, jistgħu, temporanjament u xi drabi, jinneċessitaw li jeħilsu minnhom użi oħra, partikolarment biex jintlaħqu l-impenji tal-Komunità, fejn is-sitwazzjoni tal-ħażna trid hekk u fejn mhix mhedda il-provvista ta' ikel tradizzjonali.

(6) Iż-żieda fl-ipproċessar taċ-ċereali biex jiġu prodotti bijofjuwils għal użu fil-Komunità hi parti minn miżuri ddisinjati sabiex jintlaħqu l-impenji ambjentali tal-Komunità. Il-promozzjoni tal-użu ta' bijofjuwils jista' għalhekk jiftaħ suq ġdid għal prodotti agrikoli f'idejn l-aġenziji intermedjarji fl-Istati Membri, jekk il-prezzijiet applikabbli għall-bejgħ taċ-ċereali jirrifletti dan is-suq speċifiku fil-bijofjuwils. Madankollu, ix-xiri ta' ċereali biex isir il-bioetanol jista' jkun partikolarment diffiċli. Għalhekk għandu jitqies il-bejgħ ta' ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji f'dawn il-każijiet.

(7) Il-ħażniet intermedjarji taċ-ċereali huma mibjugħa fis-suq Komunitarju skont id-disponibbilta' u l-kundizzjonijiet tas-suq. Il-bejgħ jista' jiġi nfluwenzat minn ċirkostanzi speċifiċi jew eċċezzjonali f'dawk is-swieq, jew ikun dipendenti fuqhom, u għalhekk għandu jqis dawn is-sitwazzjonijiet. Għalhekk, għandhom jiġu previsti prezzijiet li jevitaw li jiddisturbaw is-suq u jiżguraw li l-bejgħ jirrifletti t'hawn fuq ċ-ċirkustanzi. Iż-żewġ għanijiet jistgħu jintlaħqu jekk il-prezz tal-bejgħ ikun daqs il-prezz tas-suq lokali, waqt li titqies il-kwalità li tkun tinbiegħ bl-offerta fis-suq ikkonċernat u spejjeż tat-trasport.

(8) Il-bejgħ taċ-ċereali għall-esportazzjoni għandu jsir bi prezzijiet li għandhom jiġu ffissati f'kull każ fid-dawl tat-tendenzi u l-ħtiġijiet tas-suq. Dan il-bejgħ m'għandux, b'dankollu, iwassal għal tgħawwiġ għad-detriment tal-esportazzjoni fis-suq miftuħ. Il-prezz tal-bejgħ minimu għandu għalhekk jiġi stabbilit mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' offerti mressqa.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 191, 31.7.1993, p. 76.
[3] Ara l-Anness II.

(9) Għandu jiġi stabbilit prezz tal-bejgħ minimu mill-Kummissjoni fid-dawl tal-informazzjoni relevanti li tkun disponibbli fil-jum li fih l-offerti jitressqu. Biex tiġi evitata l-ispekulazzjoni u biex jiġu assigurati kondizzjonijiet identiċi għal dawk kollha interessati fis-sejħa għall-offerti, l-offerti għandhom jkollhom magħhom applikazzjoni għaċ-ċertifikat ta' esportazzjoni meħtieġ, skont il-każ, applikazzjoni għall-iffissar bil-quddiem tar-rifondi jew impost-a għall-esportazzjoni.

(10) L-offerti għal-lottijiet diversi huma komparabbli wieħed mal-ieħor biss meta dawn jirrelataw ma' ċereali f'sitwazzjonijiet identiċi. Iċ-ċereali li jinħarġu għall-offerti jkunu maħżuna f'diversi mkejjen. Il-komparabbilità tista' tiġi aktar assigurata billi l-appaltatur li jkun rebaħ l-offerta jieħu rifondi tal-ispejjeż l-aktar baxxi tat-trasport mill-post fejn iċ-ċereali in kwestjoni jkunu maħżuna u l-post tal-ħruġ. Għal raġunijiet ta' estimi, dawn ir-rifondi jistgħu jsiru biss għar-rigward tal-post tal-ħruġ li jista' jintlaħaq bl-aktar prezz baxx. Dak il-post għandu jiġi ffissat billi jitqiesu l-faċilitajiet li jkollu għall-esportazzjoni taċ-ċereali.

(11) Fl-Istati Membri li ma għandhomx portijiet marittimi, l-offerenti huma ppenalizzati mill-ispejjeż ogħla tat-trasport għaċ-ċereali li jkunu qed jitressqu għall-bejgħ. Għaldaqstant l-esportazzjoni taċ-ċereali minn dawn l-Istati Membri hija aktar diffiċli, u dan iġib miegħu, b'mod partikolari, aktar tul ta' żmien fil-ħażna ta' intervent u spejjeż supplimentari għall-baġit tal-Komunità. Għaldaqstant għandha tkun ipprovduta l-possibbiltà, f'ċerti każijiet, li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż tat-trasport l-aktar vantaġġużi bejn il-post tal-ħżin u l-post tal-ħruġ, biex l-offerti jkunu komparabbli.

(12) Il-portijiet Kroati ta' Rijeka u Split kienu portijiet tradizzjonali ta' ħruġ għall-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali qabel l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni. Rijeka u Split għaldaqstant għandhom jiddaħħlu fost il-postijiet ta' ħruġ li jistgħu jkunu kkunsidrati għall-kalkolu tal-ispejjeż tat-trasport eliġibbli għar-rifużjoni fil-każ ta' esportazzjoni.

(13) Is-sejħiet għall-offerti jkunu jistgħu jseħħu sewwa biss jekk dawk ikkonċernati jissottomettu offerti ġenwini. Dak l-għan jista' jintlaħaq billi jintalab depożitu ta' garanzija, li tiġi rrilaxxjata hekk kif jitħallas il-prezz tal-bejgħ saż-żmien stipulat.

(14) Fil-każ ta' sejħiet għall-offerti għall-esportazzjoni, għandhom jittieħdu passi biex jiġi assigurat li ċ-ċereali ma' jerġgħux jitqiegħdu fis-suq Komunitarju. Dan il-periklu jeżisti jekk il-prezz tal-bejgħ ikun anqas mill-prezz minimu li għandu jkun osservat fil-każ li dawn jerġgħu jinbiegħu fis-suq intern. Għaldaqshekk għandu jkun ipprovdut f'dan il-każ li tiġi ddepożitata t-tieni garanzija, li għandha tkun daqs id-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ u dak il-prezz minimu. Bħala konsegwenza, dik il-garanzija tista' tiġi rrilaxxjata biss jekk l-appaltatur rebbieħ waqt li jkun fi ħsiebu li jesporta ċ-ċereali jagħti l-prova msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 t' April 1999 waqt li jistabbilixxi r-regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifondi fuq prodotti agrikoli għall-esportazzjoni [1].

(15) Fl-interess ta' ġestjoni soda tal-iskema taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji, għandha tiġi ċċarata l-informazzjoni li tiġi kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi.

(16) Biex jiġi assigurat li l-ħażniet intermedjarji jinbiegħu bil-ħeffa u kemm jista' jkun skont il-prattiċi kummerċjali, għandu jiġi stabbilit ċertu żmien tal-għeluq għar-rigward tad-drittijiet u l-obbligi li jinkisbu mill-għotja tal-offerti.

(17) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

KUNTRATT PERMEZZ TA' APPALT

Artikolu 1

Offerta għall-bejgħ

1. Iċ-ċereali mixtrija mill-aġenziji ta' ħlas jew mill-aġenziji intermedjarji minn hawn 'il quddiem "aġenziji intermedjarji" bi qbil mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom jinħarġu għall-bejgħ b'sejħa għall-offerti jew, fil-każ ta' bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju, b'irkant pubbliku.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "sejħa għall-offerti" tfisser kompetizzjoni bejn il-partijiet interessati bi tweġiba għal sejħa għall-offerti, bl-allokazzjoni tal-kuntratt issir, għal kull lott, lil min ikun ressaq l-aktar offerta favorevoli fost l-offerti li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u li l-prezz offrut ikun talanqas daqs il-prezz minimu tal-bejgħ stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(2).

[1] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11.

Artikolu 2

Sejħiet għall-offerti

Id-deċiżjonijiet biex joħorġu sejħiet għall-offerti għandhom jittieħdu bi qbil mal-proċedura imsemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jistabbilixxu b'mod partikolari:

(a) il-kwantitajiet li għandhom jinħarġu bl-offerti;

(b) id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti fil-każ ta' sejħiet speċifiċi għall-offerti u l-ewwel u l-aħħar data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti fil-każ ta' sejħiet permanenti għall-offerti.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jinġiebu għal konjizzjoni tal-partijiet kollha interessati billi dawn jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkun osservat perjodu ta' talanqas sitt ijiem bejn id-data ta' din il-pubblikazzjoni u d-data prevista bħala l-aħħar jum tal-ewwel perjodu għat-tressiq tal-offerti.

Artikolu 3

Notifika ta' l-għoti ta' kuntratt

1. Talanqas erbat ijiem qabel id-data stabbilita bħala l-aħħar jum tal-ewwel perjodu għat-tressiq tal-offerti, l-aġenziji intermedjarji għandhom jagħmlu u jippubblikaw notifika tal-għoti li tistipula:

(a) il-klawżoli u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, li jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jkunu kompatibbli magħhom,

(b) il-karatteristiċi fiżiċi u teknoloġiċi ewlenin tal-lottijiet differenti li jkunu ġew irreġistrati waqt ix-xiri mill-aġenzija intermedjarja jew waqt kontrolli li jkunu twettqu sussegwentement,

(c) il-postijiet ta' ħżin kif ukoll l-isem u l-indirizz dak li jaħżen.

2. Kull aġenzija intermedjarja għandha tiżgura li tingħata pubbliċità adegwata lin-notifika tal-għoti, partikolarment billi tintwera pubblikament fis-sede tagħha u billi tixxandar fuq is-sit tal-internet tagħha jew fuq dak tal-ministeru kompetenti. Fil-każ ta' sejħa permanenti, għandhom jidhru d-dati tal-għeluq għat-tressiq tal-offerti għal kull sejħa parzjali.

3. In-notifika tal-għoti għandha tistipula l-kwantitajiet minimi li l-oferti għandhom jittrattaw.

4. In-notifika tal-għoti, kif ukoll kwalunkwe emenda, għandha tintbagħat lil-Kummissjoni qabel għeluq l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-offerti.

Artikolu 4

Kwalità taċ-ċereali

L-aġenziji intermedjarji għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jagħmluha possibbli għall-partijiet interessati li jevalwaw il-kwalità taċ-ċereali li jkunu nħarġu għall-bejgħ qabel dawn iressqu l-offerti tagħhom.

Artikolu 5

Offerti

1. L-offerti mitfugħa għandhom ikunu magħmula b'referenza għall-kwantità attwali tal-lott irrelatat mal-offerta.

2. Ġaladarba jkunu mressqa, l-offerti ma jistgħux jiġu emendati jew irtirati.

3. L-offerti għandhom ikunu validi biss jekk ikunu akkumpanjati minn prova li l-offerent ikun iddepożita garanzija ta' EUR 5 għal kull tunnellata.

KAPITOLU II

REGOLI SPEĊJALI FIR-RIGWARD TAL-OFFERTI GĦALL-BEJGĦ FIS-SUQ KOMUNITARJU

Artikolu 6

Limiti fin-notifika tal-għoti ta' kuntratt

1. L-Artikolu 2 ma għandux japplika għal sejħiet għal offerti li jkopru kwantitajiet li jkunu anqas minn 5 000 tunellata metrika.

2. Is-sejħiet għall-offerti kif ipprovdut fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu ristretti għal użu u/jew destinazzjonijiet speċjali.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet supplementari għall-offerti ta' bejgħ

1. Il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-offerti:

(a) fil-każ tal-bejgħ mill-ġdid tal-qamħirrum u qamħ sorgu matul lewwel tliet xhur tas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-qamħ komuni, qamħ durum, segala u xgħir matul l-ewwel xahrejn tassena tal-kummerċjalizzazzjoni, l-offerti ta' suċċess għandhom jikkwotaw prezz tal-anqas ekwivalenti għall-prezz ta' intervent applikabbli għall-ħdax-il xahar tas-sena preċedenti tal-kummerċjalizzazzjoni, b'żieda mensili waħda ffissata għal dik is-sena;

(b) fil-każ tal-bejgħ mill-ġdid matul il-kumplament tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni, l-offerti ma jistgħu qatt ikunu anqas mill-prezz ta' intervent applikabbli fil-jum tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti; Madankollu, il-prezzijiet ta' intervent li għandhom jitqiesu matul it-tnax-il xahar tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom ikunu dawk applikabbli għall-ħdax-il xahar, b'żieda mensili waħda.

Għall-offerti aċċettati, il-prezz minimu tal-bejgħ għandu jkun iffissat fil-livell li ma jgħawwiġx is-suq taċ-ċereali u li tal-anqas jikkorrispondi mal-prezz reġistrat, għal kwalità ekwivalenti u għal kwantità rappreżentattiva fis-suq f'post il-ħżin jew, finnuqqas ta' dan, fl-eqreb suq, u jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport.

2. B' deroga mill-paragrafu 1, il-bejgħ fis-suq Komunitarju jista' jiġi organizzat, abbażi ta' sejħiet għall-offerti speċifiċi fiddawl tal-ipproċessar taċ-ċereali f'bijoetanol u l-użu ta' dan talaħħar għall-produzzjoni tal-bijokarburanti fil-Komunità, bilkundizzjoni li l-provvista fis-swieq tradizzjonali alimentari ma tiġix mhedda. F'dan il-każ, il-prezz minimu tal-bejgħ għandu jikkorrispondi tal-anqas għall-prezz reġistrat, għal kwalità ekwivalenti u għal kwantità rappreżentattiva, fis-suq tal-prodotti konċernati għall-produzzjoni tal-bijokarburanti, u jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport.

3. Jekk matul is-sena tal-kummerċjalizzazzjoni, jidher li jkun hemm taqlib fil-funzjonament tal-organizzazzjoni komuni tasswieq, partikolarment minħabba d-diffikultà li jinbieġħu ċ-ċereali bi prezzijiet konformi mal-paragrafu 1 f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-bejgħ fis-suq Komunitarju jista' jiġi organizzat, abbażi ta' sejħiet għal offerta speċifiċi, b'kundizzjonijiet partikolari u prezzijiet għall-bejgħ determinati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 8

Informazzjoni mill-Kummissjoni fuq l-għotja tal-offerti

Fit-tieni xahar li jiġi wara l-għeluq tal-offerti, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultat tal-proċedura tal-offerti, billi jindikaw b'mod partikolari lmedja tal-prezzijiet tal-bejgħ tad-diversi lottijiet u l-kwantitajiet li nbieġħu.

KAPITOLU III

REGOLI SPEĊJALI FIR-RIGWARD TAL- BEJGĦ GĦALL-ESPORTAZZJONI

Artikolu 9

Avviż ta' għoti ta' kuntratt

1. Fl-avviżi tas-sejħiet għall-offerti kif hemm ipprovdut dwar dan fl-Artikolu 3, l-aġenziji intermedjarji għandhom jispeċifikaw għal kull lott il-port jew il-post tal-ħruġ li jista' jintlaħaq bl-inqas spejjeż ta' trasport u li għandu l-faċilitajiet tekniċi għall-esportazzjoni taċ-ċereali maħruġa bl-offerta.

L-aktar spejjeż baxxi tat-trasport bejn il-post tal-ħażna u l-post tat-tagħbija fil-port jew fil-post tal-ħruġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun irreferut lejn l-appaltatur rebbieħ mill-aġenzija intermedjarja għar-rigward tal-kwantitajiet esportati. F'każi partikolari tista' tittieħed deċiżjoni bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 biex il-ġarr isir mill-aġenzija intermedjarja bl-istess kondizzjonijiet.

2. Jekk Stat Membru ma jkollux port marittimu, jista' jiġi deċiż, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regulament (KE) Nru 1234/2007, li ssir deroga mill-paragrafu 1 u li, fil-każ ta' esportazzjoni bi ħruġ minn port marittimu, ikun previst il-finanzjament tal-ispejjeż tat-trasport l-aktar vantaġġużi bejn il-post tal-ħżin u l-post tal-ħruġ reali, fil-limitu tal-valuri massimi indikati fl-avviż tas-sejħa għall-offerti.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-portijiet Kroati ta' Rijeka u Split jistgħu jitqiesu bħala postijiet ta' ħruġ.

3. Fil-każ ta' sejħiet permanenti għall-offerti, l-aġenzija intermedjarja għandha tistabbilixxi d-dati tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti għal kull sejħa parzjali għall-offerti.

Artikolu 10

Offerti

1. Jista' jsir provvediment biex l-offerti mressqa bi qbil mal-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 ([1]) ma jkunux ammissibbli.

2. L-offerti jistgħu jiġu miċħuda jekk ikunu għal-lottijiet ta' anqas minn 500 tunellata metrika.

([1]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

3. L-offerti jistgħu jistipulaw li dawn ikunu validi biss għal kwantitajiet speċifikati.

4. L-offerti għandhom ikunu kkunsidrati f'dak li jirrigwarda ċereali kkonsenjati lejn, imma mhux maħtuta, fil-portijiet jew fil-postijiet tal-ħruġ li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 9(1).

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(1), l-offerti jkunu validi biss jekk ikollhom magħhom applikazzjoni għal-liċenza tal-esportazzjoni flimkien mal-applikazzjoni għall-iffissar bil-quddiem tar-rifondi tal-esportazzjoni jew tal-imposta għad-destinazzjoni relevanti. Il-pajjiżi kollha li għalihom tapplika l-istess rata ta' rifondi għall-esportazzjoni għandhom ikunu meqjusa bħala destinazzjoni waħda.

Artikolu 11

Id-Determinazzjoni tal-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni

Minkejja l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa bi qbil ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati, biex ikun iddeterminat it-terminu tal-validità tagħhom, bħala li jkunu nħarġu fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti.

Artikolu 12

Kundizzjoni partikulari għax-xoljiment ta' kuntratti

Meta l-liċenzja għall-esportazzjoni ppreżentata mill-appaltatur rebbieħ bi qbil mal-Artikolu 10(5) tkun ibbażata fuq l-Artikolu 47 (KE) Nru 376/2008, l-aġenzija intermedjarja għandha tikkanċella l-kuntratt fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom il-liċenzja ma tkunx inħarġet skont dak l-Artikolu.

Artikolu 13

Prova partikulari tat-temma tal-formalitajiet doganali għar-rilaxx

Minkejja l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, il-prova tat-temma tal-formalitajiet doganali għar-rilaxx għall-konsum m'għandhiex tkun meħtieġa għar-rifużjoni sakemm l-operatur ikun ta prova li ta' lanqas 1 500 tunellata metrika ta' prodotti ta' ċereali tkun ħalliet it-territorju doganali tal-Komunità fuq bastiment tal-baħar fil-każ meta:

(a) ir-rifużjoni applikabbli fil-jum tat-tressiq tal-offerti għall-Iżvizzera jew għalLiechtenstein tkun differenti minn dik ta' pajjiżi terzi oħra;

(b) dak li jirbaħ l-offerta jkun iffissa bil-quddiem ir-rifużjoni tal-istandard l-aktar baxx ħlief dak li jgħodd għal l-Iżvizzera jew għal-Liechtenstein;

Din il-prova tingħata permezz ta' waħda mill-annotazzjonijiet li jidhru fl-Anness, iċċertifikata mill-awtorità kompetenti, li titpoġġa fuq il-formola tal-kontroll stipulata fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, fuq id-dokument amministrattiv uniku jew id-dokument nazzjonali li jipprova l-ħruġ mit-territorju tad-dwana tal-Komunità.

KAPITOLU IV

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI U FINALI

Artikolu 14

Prezz minimu u l-għotja tal-offerti

1. Wara l-għeluq ta' kull perjodu previst għat-tressiq tal-offerti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni lista anonima li għal kull offerta tindika, partikolarment, in-numru tal-lott, il-kwantità offruta, il-prezz offrut, kif ukoll iż-żidiet u r-riduzzjonijiet relattivi.

2. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, tistabbilixxi l-prezz minimu tal-bejgħ, jew inkella tiddeċiedi li ma tilqa' l-ebda waħda mill-offerti li jkunu waslulha.

3. F'dak li jirrigwarda s-sejħiet għall-esportazzjoni, il-prezz minimu tal-bejgħ għandu jiġi stabbilit f'livell li ma jtellifx l-esportazzjonijiet l-oħra.

Artikolu 15

Informazzjoni lill-operaturi

L-aġenziji intermedjarji għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-appaltaturi kollha dwar ir-riżultat tal-offerta tagħhom. Dawn għandhom jibagħtu d-dikjarazzjoni tal-għoti tal-kuntratti lill-appaltaturi rebbieħa fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mill-imsemmija notifika, permezz ta' ittra rreġistrata jew telekomunikazzjoni bil-miktub.

Artikolu 16

Ħlas għaċ-ċereali

L-appaltaturi rebbieħa għandhom iħallsu għaċ-ċereali qabel dawn jinġarru u ta' lanqas mhux aktar tard minn xahar mid-data minn meta d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 15 tkun intbagħtet. Dawn għandhom jidħlu għar-riskji u l-ispejjeż kollha tal-magażżinaġġ taċ-ċereali li ma jkunux inġarru matul il-perjodu li jkun permissibbli għall-ħlas.

Iċ-ċereali koperti minn kuntratti mirbuħa li ma jkunux inġarru matul iż-żmien permissibbli għall-ħlas għandhom jitqiesu għal kull effett li jkunu nġarru malli jiskada dak il-perjodu. F'dak il-każ, fejn għandu x'jaqsam bejgħ fis-suq intern, il-prezz li bih tkun ittieħdet l-offerta għandu jiġi aġġustat b'referenza għall-karatteristiċi ta' kwalità li jkunu spjegati fl-avviż għas-sejħa għall-offerti.

Fil-każ li l-bejgħ ikun għall-esportazzjoni, il-prezz li għandu jitħallas għandu jkun dak ikkwotat fuq l-offerta, b'żieda ta' akkrexximent mensili meta jsir il-ġarr fix-xahar li jiġi wara dak li fih ikun ingħata l-kuntratt.

Meta l-appaltatur rebbieħ ma jkunx ħallas għaċ-ċereali fil-perjodu stipulat fl-ewwel paragrafu, il-kuntratt għandu jkun ikkanċellat mill-aġenzija intermedjarja għar-rigward tal-kwantitajiet li ma jkunux imħallsa.

Artikolu 17

Depożitu, rilaxx u akkwist ta' garanzija

1. Il-garanziji msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jiġu ddepożitati skont it-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([1]).

2. Il-garanzija li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 5(3) għandha tkun irrilaxxata meta din tkopri kwantitajiet li dwarhom:

(a) ma jkun ingħata l-ebda kuntratt;

(b) il-prezz tal-bejgħ ikun tħallas fil-perjodu stipulat, u fil-każ li l-bejgħ ikun għall-esportazzjoni u meta l-prezz imħallas ikun anqas mill-prezz minimu għar-rivendita fis-suq Komunitarju, b'konformità mal-Artikolu 7, garanzija li tkopri d-differenza bejn dawk iż-żewġ prezzijiet tkun ġiet iddepożitata.

3. Il-garanzija msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għandha tkun irrilaxxata għall-kwantitajiet li għalihom:

(a) tkun ingħatat prova li l-prodott ma jkunx għadu tajjeb għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali,

(b) tkun ingħatat prova li jkunu nqdew il-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità u tal-importazzjoni f'wieħed mill-pajjiżi terzi previsti fil-kuntest tas-sejħa għall-offerti. Il-provi dwar l-esportazzjoni 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità u tal-importazzjoni f'pajjiż terz għandhom jingħataw skont il-modalitajiet imsemmija fl-Artikoli 7 u 16, il-paragrafi 1, 2 u 3, tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

(c) il-liċenzja ma tkunx inħarġet skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008,

(d) il-kuntratt ikun tħassar skont l-Artikolu 16 ir-raba' subparagrafu.

4. Il-garanzija li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 5(2) għandha tkun mitlufha f'dak li jirrigwardja l-oġġetti li dwarhom:

(a) il-garanzija iddepożitata għall-ħarġa taċ-ċertifikat tal-esportazzjoni tkun ġiet mitlufa;

(b) ħlief fil-każi ta' *force majeure*, ma jkunx sar il-ħlas fil-perjodu stipulat fl-Artikolu 16.

5. Ħlief fil-każi ta' *force majeure*, il-garanzija li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 2(b) għandha tintilef fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom il-prova li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 3(b) tkun ġiet ipprovduta matul it-tnax-il xhur ta' wara meta d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tkun ġiet milqugħha.

Artikolu 18

Komunikazzjoni tal-prezz tas-suq rappreżentattiv

Kull Stat Membru għandu jikkomunika b'mod elettroniku lill-Kummissjoni il-prezzijiet rappreżentattivi fis-suq, espressi fil-munita nazzjonali, għal kull tunnellata, għal kull tip ta' ċereali previst fl-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (KE) 1234/2007 mhux aktar tard minn kull nhar ta' Erbgħa f'12.00 (ħin ta' Brussell). Dawn għandhom jiġu kkalkulati b'mod regolari, indipendenti u trasparenti.

L-Istati Membri għandhom jindikaw b'mod partikolari l-karatteristiċi kwalitattivi ta' kull tip ta' ċereali, l-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll il-post tal-kwotazzjoni.

Artikolu 19

Tħassir

Ir-Regolament (KEE) Nru 2131/93 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brusell, 12 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

ANNESS I

Annotazzjonijiet stipulati fit-tieni inċiż tal-Artikolu 13

— *Il-Bulgaru:*	Износ на зърнени култури по море — член 13, втора алинея от Регламент (ЕО) № 127/2009
— *L-Ispanjol:*	Exportación de cereales por vía marítima; artículo 13, párrafo segundo, del Reglamento (CE) nº 127/2009
— *Iċ-Ċek:*	Vývoz obilovin po moři – čl. 13 druhý pododstavec nařízení (ES) č. 127/2009
— *Id-Daniż:*	Eksport af korn ad søvejen — Artikel 13, stk. 2, i forordning (EF) nr. 127/2009
— *Il-Ġermaniż:*	Getreideausfuhr auf dem Seeweg — Verordnung (EG) Nr. 127/2009, Artikel 13 Absatz 2
— *L-Estojan:*	Teravilja eksport meritsi – määruse (EÜ) nr 127/2009 artikli 13 teine lõik
— *Il-Grieg:*	Εξαγωγή σιτηρών διά θαλάσσης — Άρθρο 13 δεύτερο εδάφιο του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 127/2009
— *L-Ingliż:*	Export of cereals by sea — second paragraph of Article 13 of Regulation (EC) No 127/2009
— *Franċiż:*	Exportation de céréales par voie maritime — Règlement (CE) nº 127/2009, article 13, deuxième alinéa
— *L-Irlandiż:*	Onnmhairiú gránach ar muir — an dara mir d' Airteagal 13 de Rialachán (CE) Uimh. 127/2009
— *It-Taljan:*	Esportazione di cereali per via marittima — articolo 13, secondo comma, del regolamento (CE) n. 127/2009
— *Il-Latvjan:*	Labības izvešana pa jūras ceļiem – Regular (EK) Nr. 127/2009 13. panta otrā daļa
— *Il-Litwan:*	Grūdų eksportas jūra – Reglamento (EB) Nr. 127/2009 13 straipsnio antra pastraipa
— *Ungeriż:*	Gabonafélék exportja tengeri úton – 127/2009/EK rendelet 13. cikkének második albekezdése
— *Il-Malti:*	L-esportazzjoni ta' ċereali bil-baħar – L-Artikolu 13, it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 127/2009
— *L-Olandiż:*	Uitvoer van graan over zee — Artikel 13, tweede alinea, van Verordening (EG) nr. 127/2009
— *Il-Pollakk:*	Wywóz zbóż drogą morską – art. 13 akapit drugi rozporządzenia (WE) nr 127/2009
— *Il-Portugiż:*	Exportação de cereais por via marítima — Artigo 13.º, segundo parágrafo do Regulamento (CE) n.º 127/2009
— *Ir-Rumen:*	Export de cereale pe cale maritimă – Regulamentul (CE) nr. 127/2009, articolul 13, al doilea paragraf
— *Is-Slovakk:*	Vývoz obilnín po mori – článok 13 druhý odsek nariadenia (ES) č. 127/2009
— *Is-Sloven:*	Izvoz žit s pomorskim prometom – drugi odstavek člena 13 Uredbe (ES) št. 127/2009
— *Il-Finlandiż:*	Viljan vienti meritse – Asetuksen (EY) N:o 127/2009 13 artiklan toinen kohta
— *L-Iżvediż:*	Export av spannmål genom sjötransport – artikel 13 andra stycket i förordning (EG) nr 127/2009

ANNESS II

Ir-Regolament imħassar flimkien mal-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 (ĠU L 191, 31.7.1993, p. 76)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 120/94 (ĠU L 21, 26.1.1994, p. 1)	Artikolu 2 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2193/96 (ĠU L 293, 16.11.1996, p. 1)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 39/1999 (ĠU L 5, 9.1.1999, p. 64)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1630/2000 (ĠU L 187, 26.7.2000, p. 24)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50)	Artikolu 2 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2045/2004 (ĠU L 354, 30.11.2004, p. 17)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 749/2005 (ĠU L 126, 19.5.2005, p. 10)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1465/2006 (ĠU L 273, 4.10.2006, p. 3)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1)	Artikolu 4 u Anness III biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 367/2007 (ĠU L 91, 31.3.2007, p. 14)	Artikolu 1 biss

ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KEE) Nru 2131/93	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3
L-Artikolu 4	L-Artikolu 6(2)
L-Artikolu 5	L-Artikolu 7
L-Artikolu 6	L-Artikolu 8
L-Artikolu 7(1)	L-Artikolu 2
L-Artikolu 7(2)	L-Artikolu 9(1)
L-Artikolu 7(2a)	L-Artikolu 9(2)
L-Artikolu 7(3)	L-Artikolu 9(3)
L-Artikolu 8	L-Artikolu 10(2) u (5)
L-Artikolu 9	L-Artikolu 11
L-Artikolu 10	L-Artikolu 14
L-Artikolu 11	L-Artikolu 12
L-Artikolu 12	L-Artikolu 3
L-Artikolu 12*a*	L-Artikolu 18
L-Artikolu 13(2)	L-Artikolu 5(1)
L-Artikolu 13(3)	L-Artikolu 10(1)
L-Artikolu 13(4), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 5(2)
L-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 5(3)
L-Artikolu 14	L-Artikolu 4
L-Artikolu 15	L-Artikolu 15
L-Artikolu 16	L-Artikolu 16
L-Artikolu 17(1)	L-Artikolu 17(1)
L-Artikolu 17(2), kliem tal-bidu	L-Artikolu 17(2), kliem tal-bidu
L-Artikolu 17(2), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 17(2)(a)
L-Artikolu 17(2), it-tieni inċiż	L-Artikolu 17(2)(b)
L-Artikolu 17(3), kliem tal-bidu	L-Artikolu 17(3), kliem tal-bidu
L-Artikolu 17(3), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 17(3)(a)
L-Artikolu 17(3), it-tieni inċiż	L-Artikolu 17(3)(b)
L-Artikolu 17(3), it-tielet inċiż	L-Artikolu 17(3)(ċ)
L-Artikolu 17(3), ir-raba' inċiż	L-Artikolu 17(3)(d)
L-Artikolu 17(4), kliem tal-bidu	L-Artikolu 17(4), kliem tal-bidu
L-Artikolu 17(4), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 17(4)(a)
L-Artikolu 17(4), it-tieni inċiż	L-Artikolu 17(4)(b)
L-Artikolu 17(5)	L-Artikolu 17(5)
L-Artikolu 17a, l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu	L-Artikolu 13, l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu
L-Artikolu 17a, l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 13, l-ewwel subparagrafu (a)
L-Artikolu 17a, l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	L-Artikolu 13, l-ewwel subparagrafu (b)
L-Artikolu 17a, l-ewwel subparagrafu, kliem tal-aħħar	L-Artikolu 13, l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu
L-Artikolu 17a, it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 13, it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 18	—
—	L-Artikolu 19
L-Artikolu 19	L-Artikolu 20
Anness	Anness I
—	Anness II
—	Anness III